



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12693/23  
ADD 1

LIMITE

COPEN 325  
DROIPEN 137  
JAI 1186  
ENV 1027  
RELEX 1082

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tirrevoka u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172)

Id-delegazzjonijiet isibu f'dan l-Addendum il-linji gwida ta' negozjar li għalihom qed issir referenza fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument 12693/23 INIT.

**Direttivi ta' Negozjati**

Rigward il-proċess tan-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (1) Il-proċess tan-negozjati huwa miftuħ, inklużiv u trasparenti, u bbażat fuq il-kooperazzjoni bona fide.
- (2) Il-proċess tan-negozjati huwa bbażat fuq programm ta' ħidma effettiv u realistiku.

Rigward l-objettivi ġenerali tan-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tikseb li:

- (3) Il-Konvenzjoni hija kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, inkluż in-negozjati li għaddejjin dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE<sup>1</sup>.
- (4) Il-Konvenzjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kif minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rigward il-proċess tan-negozjati, jenħtieġ li l-Unjoni timmira li tikseb li:

- (5) L-objettivi speċifiċi stabbiliti fid-dettall hawn taħt jintlaħqu, filwaqt li jiġi żgurat li l-eżitu tan-negozjati jkun kompatibbli mar-regoli interni rilevanti tal-Unjoni dwar il-kriminalità ambjentali. Dawn ir-regoli interni, hekk kif jevolvu fil-proċedura leġiżlattiva tal-Unjoni u eventwalment fil-forma adottata finali tagħhom, iservu bħala l-linja bażi għall-pożizzjoni tal-Unjoni għan-negozjati.

---

<sup>1</sup> COM (2021) 851 final, 2021/0422 (COD)

- (6) In-negozjati jwasslu għal fehim komuni tal-kategoriji ta' kriminalità ambjentali u sanzjonijiet għal persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-Istati Membri tal-UE u l-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u fuq din il-bażi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali.
- (7) Il-Konvenzjoni hija kompatibbli mal-acquis tal-Unjoni, li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni li tiproteġi l-ambjent u tirrifletti kemm jista' jkun l-ambitu tad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali li qed tiġi nnegozjata bħalissa. Id-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali u l-Konvenzjoni jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku fl-objettivi tagħhom biex iżidu l-livell ta' protezzjoni ambjentali u biex jiksbu titjib fil-kwalità tal-ambjent.
- (8) Ir-reati ambjentali fil-Konvenzjoni u l-ambitu tagħhom huma mfissra b'mod ċar u huma kompatibbli mal-lista ta' reati kriminali fl-Artikolu 3(1) tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE<sup>1</sup> u jqisu l-progress fin-negozjati bejn il-koleġislaturi tal-Unjoni u – eventwalment – il-verżjoni finali tad-Direttiva.
- (9) Il-Konvenzjoni fiha tifsira tar-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi li hija kompatibbli mat-tifsira fl-acquis tal-Unjoni.
- (10) Il-Konvenzjoni tiżgura d-disponibbiltà ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi.
- (11) Il-Konvenzjoni fiha regoli xierqa dwar il-ġuriżdizzjoni kemm jista' jkun f'konformità mal-verżjoni finali tad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali.
- (12) Il-Konvenzjoni trawwem il-kooperazzjoni internazzjonali u tippromwovi l-użu tal-mekkaniżmu eżistenti għall-kooperazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-għoti ta' assistenza reċiproka.

---

<sup>1</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

- (13) Il-Konvenzjoni fiha provvedimenti biex jissaħħu l-ktajjen ta' infurzar nazzjonali fir-rigward tal-kriminalità ambjentali biex ikunu jistgħu jidentifikaw, jinvestigaw, iħarrku u jissanzjonaw reati ambjentali b'suċċess.
- (14) Ir-rwol taċ-ċittadini fid-detezzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-kriminalità ambjentali huwa rikonoxxut u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa.
- (15) L-Istati Membri jieħdu miżuri biex jissensibilizzaw dwar il-ħsara ta' reati ambjentali. Il-prinċipju ta' prekawzjoni li għandu l-għan li jevita reati ambjentali huwa rikonoxxut.

Rigward il-funzjonament tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni timmira li tikseb li:

- (16) Il-Konvenzjoni ser tqis l-istrumenti globali u reġjonali eżistenti, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali li għaddejja fil-ġlieda dinjija kontra l-kriminalità ambjentali.
- (17) Il-Konvenzjoni tinkludi mekkaniżmu ta' implimentazzjoni u dispożizzjonijiet finali, inkluż dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, l-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni u l-adeżjoni, id-dħul fis-seħħ, l-emenda, is-sospensjoni u d-denunzja.

B'mod ġenerali, il-proċedura għan-negozjati għandha tkun kif ġej:

- (18) Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-Konvenzjoni [...] tkun konsistenti mad-dritt u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni eżistenti u previsti għall-futur, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.
- (19) It-tħejjija għan-negozjati trid issir sew minn qabel. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar l-iskeda antiċipata u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu nnegozjati u għandha tikkondividi l-informazzjoni rilevanti kmieni kemm jista' jkun.
- (20) Is-sessjonijiet tan-negozjati għandhom ikunu preċeduti minn laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma COPEN sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin, jiġu fformulati l-opinjoni u tingħata gwida, inkluż il-formulazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u riżervi, kif xieraq.

- (21) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Grupp ta' Ħidma COPEN dwar l-eżitu tan-negozjati wara kull sessjoni ta' negozjati, inkluż bil-miktub.
- (22) Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Kunsill u tikkonsulta lill-Grupp ta' Ħidma COPEN dwar kwalunkwe kwistjoni importanti li tista' tinqala' waqt in-negozjati.
-